**Halloween - Festa Anti-Kristjana**

Contributed by Fr Reuben Gauci

Sep 23, 2010 at 03:05 AM

Artiklu li Father Franco Fenech OFM Cap u ezorcista kiteb u li se jidher fil-magazine **Dawl Frangiskan:**

Fil-gazzetta OSSERVATORE ROMANO, li hi l-gazzetta ufficcjali tas-Santa Sede, deher artiklu bl-isem ta' 'Il-messaggi perikoluzi ta' Halloween'. Min kiteb l-artiklu kkwota lill-espert tal-Liturgija Juan Maria Canals li qal: '*Il-festa tal-Halloween ghandha kurrenti ta' okkultizmu u hija assolutament anti Kristjana'.*

Father Canals li huwa membru fil-Kummissjoni tal-Liturgija Spanjola, heggeg lill-genituri biex: 'ikunu konxji minn dan il-fatt u biex jaghmlu l-almu kollu taghhom biex jindirizzaw din il-festa mhux lejn il-biza' u l-mewt, imma lejn is-sbuhija'. Il-gazzetta Osservatore Romano fahhret id-decizjoni li hadet wahda mill-komunijiet spanjoli li fil-lejl ta' bejn l-ahhar t'Ottubru u l-ewwel ta' Novembru ghamlet velja ta' talb u organizzat loghob ghat-tfal li fihom setghu jirbhu diversi oggetti religjuzi u edukattivi. B'hekk din il-lejla, minflok semmewha Halloween, tawha l-isem ta' HOLY WINS.

Dawn l-inizjattivi 'jaghtu cans lill-komunitajiet insara biex ikollhom alternattivi ghal din ic-celebrazzjoni; alternattivi li jesprimu t-tama tan-nisrani quddiem il-mewt'.

Il-konferenza Episkopali Taljana wkoll harget stqarrija fil-gazzetta AVVENIRE li fiha wissiet lil genituri dwar il-perikli li jinsabu marbuta mac-celebrazzjoni u mal-prattika tal-festa tal-Halloween. Huma ddeskrivew il-festa bhala 'celebrazzjoni perikoluza tal-biza u tal-makabrita".

Aldo Bonaiuto li huwa membru fis-Servizzi kontra s-setet okkulti, wissa' wkoll lill-genituri dwar din il-festa u qal li din ic-celebrazzjoni 'tippromwovi l-kultura tal-mewt'. Huwa ghalhekk jghid li din il-festa hija ta' ezempju mill-aghar ghat-tfal taghna. Huwa jghid: *'Halloween timbotta lit-tfal u z-zghazagh taghna lejn id-dinja tal-magija u tattakka dak kollu li huwa sagru u ghandu valur spiritwali billi tintroduci lill-persuna lejn l-arti u xbiehat okkulti'.*

Disgrazzjatament hawn Malta, il-festa tal-Halloween qed tigi ccelebrata bil-kbir. U b'dispjacir nghidu li tigi ccelebrata f'hafna ambjenti taz-zghazagh: skejjel (anki tal-Knisja!), centri taz-zghazagh (anki f'dawk fir-responsabilita' tal-parrocci), postijiet ta' divertiment u postijiet tax-xoghol. Din il-festa hija meqjusa bhala il-bidu tas-sena tal-magija (*capodanno magico).* U giet mahluqa biex tiehu post il-festa tal-Qaddisin kollha. Il-Knisja f'Malta, permezz tal-Kummissjoni Djocesana dwar l-Okkult u s-Satanizmu, fil-5 t'Ottubru 2005, wara li ntalbet taghti l-parir taghha minn diversi genituri u *Youth centres* dwar jekk ic-celebrazzjoni tal-festa tal-*Halloween* hijiex kompatibbli jew le ma' min jixtieq jiehu bis-serjeta' l-impenn tas-sejha nisranija tieghu, ma qaghditx lura milli ssemma' lehinha dwar dan. Hija harget stqarrija li tghid: *'ghalkemm hemm xi whud li jiccelebraw din il-festa biss biex ikissru r-rutina ta' kuljum, imma din il-festa hija ta' origini pagana u ssib l-gheruq taghha fi twemmin li mhux imdawwal mill-misteru ta' Gesu' Kristu l'Iben t'Alla. Ma' din il-festa ntrabtu diversi tradizzjonijiet superstizzjuzi u ohrajn li ghandhom x'jaqsmu mad-dinja ta' l-ispiritizmu u l-okkult fis-sens l-aktar wiesa' tieghu. Ghalhekk ma jixraqx li gruppi Kattolici jiccelebraw din il-festa anki jekk minghajr ebda' intenzjoni hazina. Din ic-celebrazzjoni ssir sinjal ta' ftuh lejn kultura neo-*

*pagana u tlaqqim fil-kultura ta' l-okkult li hu komuni hafna fi zmenijietna. Ikun sabih jekk fil-festi tal-Qaddisin kollha (1 ta' Novembru) u tal-mejtin kollha (2 ta' Novembru), wiehed jiccelebra l-fidi tieghu u fuq l-ezempju tal-Qaddisin, jifhem li ghan-nisrani, il-ferh veru jinsab f'relazzjoni ta' hbiberija vera u hajja ma' Kristu Gesu', il-Feddej tal-bniedem'.*

Fil-bidu, ic-celebrazzjoni ta' Halloween kellha l-isem ta' 'IL-VGILI TA' SAMHAIN'. Samhain kien meqjus bhala alla tal-mewt! Din il-festa tmur fiz-zmien pre-Kristjan u kienet tigi ccelebrata fl-1 ta' Novembru minhabba li dak huwa z-zmien meta s-sigar ikunu qed iwaqqghu il-weraq taghhom, il-gurnata tkun qed tiqsar u l-klima tiksah. Huma kienu jemmnu li dawn kienu sinjali li Muck Olla, l-alla tax-xemx, f'dak iz-zmien ikun qed jitlef is-sahha tieghu u s-sahha ta' Samhain, l-alla tal-mewt, tkun qed tirbah. Il-festa ta' Samhain kienet timmarka l-bidu tax-xitwa u ghalhekk ir-rebha tad-dlam fuq id-dawl, ir-rebha tal-mewt fuq il-hajja! Il-poplu kien jemmen li f'dak il-lejl is-shahar, spirti u erwieh tal-mejtin kienu jigu lura fuq l-art. Dan kien jigi mill-fatt li fil-31 t'Ottubru, Samhain kien ilaqqa' l-erwieh ta' dawk kollha li jkunu mietu matul dik is-sena u li bhala kastig, minhabba l-ghemejjel hziena taghhom, ikunu gew ikkundannati biex jghixu fil-gisem tal-annimali. Dak in-nhar huma kienu jinghataw il-permess biex jirritornaw fid-dinja tal-hajjin biex jattakkaw u jaghmlu l-hsara lill-bnedmin! Minhabba dan, bhala protezzjoni, il-'qassisin', flimkien mal-poplu, kienu jaghmlu cerimonji li fihom jaduraw u jaghtu gieh lill-spirti dijabolici. Matul dawn ic-cerimonji kienu jigu maqtula zwiemel, qtates, naghag suwed u sahanistra bnedmin bhala offerta, billi jinqaflu go gaggeg tal-qasab u jinghataw in-nar. B'hekk huma kienu jemmnu li jkunu qed jaghtu gost lil Samhain u jzommuh milli jaghmlilhom il-hsara.

Imma kif din ic-celebrazzjoni hadet l-isem ta' 'Halloween'? Dan l-isem inghata minhabba li kien sar tentattiv biex din ic-celebrazzjoni pagana tigi 'mghammda' cioe' tinghata valur spiritwali. F'Mejju tas-sena 610 W.K., l-imperatur Phocas ta l-bini tal-Pantheon lill-Papa Bonifacju IV biex jintuza bhala Knisja. Peres li l-Pantheon kien tempju ddedikat lill-allat kollha Rumani, il-Papa ddedikah lill-Madonna u l-qaddisin kollha Kristjani. Din il-festa giet iccelebrata l-ewwel darba fit-13 ta' Mejju tas-sena 610 W.K. Fis-sena 834W.K. il-Papa Gregorju IV sposta l-festa tal-qaddisin kollha mit-13 ta' Mejju ghall-1 ta' Novembru. Din il-gurnata gdida ssejhet '*All Hallows day',* u b'hekk din il-festa ma damitx ma bdiet tissejjah Halloween.

Ghaliex ahna bhala nsara m'gahndiex niccelebraw il-Halloween?

1. Il-Halloween huwa festa pagana ccentrata fuq ir-rebha tal-mewt fuq il-hajja, dlam fuq id-dawl.
2. Din il-festa hija okkazzjoni ghal dawk li jipprattikaw l-okkult, magija, spiritizmu jew satanizmu biex jaghmlu ir-riti taghhom. Peres li din hija l-festa tal-mewt, hafna jippruvaw jikkomunikaw mal-mejtin permezz tal-ispiritizmu tant li din il-festa giet maghzula bhala l-ewwel festa fis-sena tal-magija.
3. Il-Kristjani ma jistghux jissiehbu f'attivitajiet ta' okkult u riti ohra. Ara Ktieb tad-Dewteronomju Kapitlu 18.
4. Dawk li jipprattikaw l-okkult jghallmu li f'dak il-lejl, spirti w'ihirsa, johorgu mill-oqbra u jmorru fid-djar ta' nieshom. In-nies, ghaliex jibzghu li jidhrulhom xi erwieh, jilbsu ta' skeletri, shahar u erwieh biex ibezzghuhom halli ma jigux izuruhom. Ihallu wkoll xi ikel fuq l-ghatba tal-bibien taghhom biex l-erwieh ma jishtuhomx. Din hi r-raguni vera ghaliex it-tfal jigu mlibbsa l-kostumi.

5. Id-drawwa li jonqxu wicc fil-qargha hamra hija wkoll mod kif 'igerrxu' l-erwieh li jkunu se jzuruhom.
6. Mhix haga stramba li filwaqt li l-Ewropa qed tipprova tnehhi kull tifsira religjuza mill-Milied (winterfest) u mill-Ghid (Spring break), imma xorta qed tippromwovi c-celebrazzjoni tal-Halloween meta din ghandha gheruq okkulti u pagani?

Onesimo Herrera Flores jghid li: '*min jiccelebra l-Halloween ikun qisu qed jistieden lix-xitan fid-dar u fil-hajja tieghu*'. Anton Szander La Vey, fil-bibbja satanika pagna 96, jghid li '*flimkien mal-birthday, ghandu jigi ccelebrat il-Halloween'.*

Ejjew ahna bhala nsara ma nhallux min jisraqilna l-ferh li l-Mulej ipoggi f'qalbna meta niftakru f'dawk li 'tqabdu t-taqbida t-tajba, temmew il-girja u harsu l-fidi' u issa kisbu l-kuruna li l-Mulej hejja ghalihom. Nilqghu l-istedina li jaghmlilna San Gakbu fl-ittra tieghu (4;7-8): '*Mela oqoghdu ghar-rieda t'Alla. Ieqfu lix-xitan u hu jahrab minnkom. Ersqu lejn il-Mulej u hu jersaq lejkom. Midimbin naddfu jdejkom; nies ta' mohh imhawwad, saffu qlubkom".*

Close Window